**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 31/00**

**Paul Micallef u b' digriet tal-20 ta' Lulju 2000 zdied il-kliem f' ismu u bhala amministratur tal-beni tal-genituri tieghi kif ukoll f' isem Doris Mamo mart il-mejjet Albert, Evelyn mart Teddy Azzopardi, Reverendu Joe Bartolo, Julie Micallef, Antoinette Bartolo u Joseph Micallef.**

**Vs**

**Giuseppe Sciberras u b' digriiet tal-20 ta' Lulju l-isem 'Giuseppe' gie mibdul bl-isem 'Doris'**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi huwa jikri lil intimat, bhala abitazzjoni l-fond numru 65, Triq San Vincenz, Sliema bil-kera ta' Lm 19.00 fis-sena li jithallsu bis-sena 'l quddiem, liema kera tghalaq fil-31 ta' Dicembru 2000.

Illi l-esponent jidhirlu li din il-kera hija baxxa.

Ghaldaqstant jitlob li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kera xieraq.

Ra r-risposta;

Illi qatt ma kien hemm kerrej tal-fond 65 Triq San Vincenz, Sliema, bl-isem Giuseppe Sciberras;

Illi fil-verita' l-kerrej kien George Sciberras u dan miet fl-1993;

Illi f' kull kaz ir-rikorrent irid jipprova li hu l-uniku sid tal-fond;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra d-digriet tieghu tal-15 ta' Novembru 2000 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti fejn il-kera gie iffissat fl-ammont ta' Lm19.50c fis-sena.

Jiffissa l-kera xieraq fl-ammont ta' Lm19.50c fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza fil-31 ta' Dicembru 2000. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal wiehed minn ghaxra mill-intimata u l-bqija, disgha minn ghaxra, mill-rikorrenti.

Dep.Reg Magistrat